MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Numru 30/2009

**Att t'Akkuza 30/2009**
**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Martino Gatt**

Illum 14 ta' Gunju, 2013

Il-Qorti,
Rat l-att ta' Akkuza numru 30/2009 mahruga mill-Avukat Generali kontra Martino Gatt [detentur tal-karta tal-identita` numru 617548 (M)] fit-3 ta' Awwissu 2009 fejn

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi Martino Gatt u Joanne Bajada kienu miżżewġin u kellhom żewġt itfal. B'xorti ħażina dan iż-żwieġ sfaxxa. Għal ħabta tas-sena 2004 Martino Gatt u Joanne Bajada isseparaw fil-fatt, ma baqgħux jgħixu flimkien u nbdew il-proċeduri ta' separazzjoni personali. Ir-relazzjoni ta' bejniethom ftit li xejn baqgħet tajba. Maż-żmien, Joanne Bajada żviluppat relazzjoni ma' ċertu Louis Ellul. Martino Gatt qatt ma setgħa jaċċetta li dik li kienet martu,

tiżviluppa din ir-relazzjoni ma' raġel ieħor. Daħħalha f'rasu li Louis Ellul kellu jpattiha, qares. Qagħad iberren bil-mod, fuq perjodu ta' żmien twil u b'mod meqjuż u luċidu kif setgħa jeħles darba għal dejjem minn Louis Ellul.

Fl-aħħar, wara ħafna ħsieb, iddeċieda li kien wasal il-waqt li jwettaq il-pjan li kien fassal f'moħħu. U jaġixxi. Nhar is-Sibt l-ewwel (1) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) Martino Gatt kera karozza tal-kiri Chevrolet Matiz bin-numru tar-reġistrazzjoni CBK-731 mingħand Nazzareno Bugeja. Kellu jirritorna lura din il-karozza l-għada. Iż-żmien ta' meta kellu jieħu l-azzjoni definittiva u finali kontra Louis Ellul kien wasal.

Kien il-Ħadd, tnejn (2) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), meta Martino Gatt stembaħ fil-għodu. Iddeċieda li l-pjan tiegħu kontra Louis Ellul kellu jitwettaq dak in-nhar. B'hekk ħass li dak in-nhar ma kienx adattat li jmur il-quddies. Qabad is-senter tal-kaċċa li kien juża għad-delizzju tiegħu u ċintorin skrataċ, tefagħhom fil-karozza li kien kera, u qabad it-triq lejn Pembroke – qrib id-dar fejn kienet tirrisjedi dik li kienet martu.

Qagħad jistenna lil Joanne Bajada u Louis Ellul hemmhekk, iżda ma raħhomx. Għalhekk saq lejn id-direzzjoni tal-Knisja ta' Pembroke, fi Triq Camillo Sciberras, bit-tama li jarahom ħerġin mill-quddies… U hekk kellu jkun, għax ftit tal-ħin wara, għal ħabta tal-ħdax u nofs ta' fil-għodu, Louis Ellul, Joanne Bajada u t-tfal tagħha (u ta' Martino Gatt) ħarġu mill-Knisja ta' Pembroke u rħewlha fid-direzzjoni ta' fejn kienet parkeġġata l-karozza ta' Louis Ellul. Dak il-ħin kien hemm ukoll nies oħrajn mixjin viċin tagħhom fl-istess triq, u li kienu wkoll ħerġin mill-quddies.

Hekk kif lemaħhom, Martino Gatt, li kien għadu mistur fl-anonimita tal-karozza tal-kiri li kien kera, sab ix-xoqqa f'moxtha u ra' li kien wasal il-ħin opportune biex iwettaq il-ħsieb u l-intenzjoni spiċifika pożittiva u diretta li kien ifforma li joqtol lil Louis Ellul jew li jqegħdlu ħajtu f'perikolu

ċar. Ħareġ mill-karozza tal-kiri li kien qed isuq, liebes beritta u nuccali tax-xemx, kif ukoll armat bis-senter tal-kaċċa kkargat u mexa fid-direzzjoni ta' Louis Ellul li dak il-ħin kien qiegħed ħdejn Joanne Bajada, it-tfal tagħha u xi nies oħrajn. Kif wasal viċin ta' Louis Ellul, Martino Gatt qallu biex jieqaf. Louis Ellul intebaħ b'Martino Gatt li kien armat bis-senter u prova jdur lejn il-karozza, f'tentattiv biex jaħrab minn ħalq il-mewt li ra' quddiemu dak il-ħin fis-swidija tas-senter li kien ippuntat lejh.

Martino Gatt, in eżekuzzjoni ta' l-intenzjoni omiċida li fforma f'moħħu spara tlett tiri minn dan is-senter tal-kaċċa fid-direzzjoni ta' Louis Ellul, minn distanza qasira ħafna ta' ftit piedi. Dawn it-tlett tiri ta' senter sparati minn Martino Gatt laqtu lil Louis Ellul fi tlett partijiet ta' ġismu – (a) sbrixjatura man-naħa tal-lemin ta' l-għonq (b) waħda fuq in-naħa tax-xellug tad-dahar u (c) l-oħra fuq in-naħa t'isfel nett tad-dahar ta' Louis Ellul. Konsegwenza ta' dawn it-tlett tiri sparati minn dan is-senter tal-kaċċa f'distanza ravviċinata Louis Ellul miet, minħabba dak li jissejjaħ "hypovolaemic shock".

Wara dan id-delitt hekk makabru u vjolenti, Martino Wara ħarab minn fuq il-post. Għamel xi ħin jiġġerra mat-toroq Maltin, sakemm ipparkja l-karozza tal-kiri li kien qed isuq fis-Siġġiewi. Iżda l-Pulizija kienet pronta fl-investigazzjonijiet tagħha li wasluha biex tinterċetta din il-vettura fis-Siġġiewi, fejn, ftit siegħat wara dan id-delitt irnexxielha tarresta lil Martino Gatt fl-istess lokalita.

Illi għalħekk, b'għemilu, l-imsemmi MARTINO GATT sar ħati ta' omiċidju volontarju u ċioè talli, il-Ħadd, tnejn (2) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) għal ħabta tal-11:30am f'Pembroke, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Louis Ellul) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, akkuża lill-imsemmi MARTINO GATT, ħati ta' omiċidju volontarju u ċioè talli nhar il-Ħadd, tnejn (2) ta' Diċembru tas-sena

elfejn u sebgħa (2007) għal ħabta tal-11:30am, fi Triq Camillo Sciberras f'Pembroke, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Louis Ellul) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt u talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat MARTINO GATT u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(1)(2), 23 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiċ-ċirkostanzi u fiż-żmien imsemmija fl-ewwel kap ta' dan l-att t'akkuża, u ċioe' nhar il-Ħadd, tnejn (2) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), Martino Gatt kien iddeċieda li jwettaq il-ħsieb u l-pjan tiegħu li jmur isib lil Louis Ellul biex joqtlu jew iqiegħdlu ħajtu f'perikolu ċar.

Jum qabel kien kera karozza mingħand Nazzareno Bugeja tal-marka Chevrolet Matiz bin-numru tar-reġistrazzjoni CBK-731. L-għada l-Ħadd tnejn (2) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), Martino Gatt qabad is-senter tal-kaċċa li kien juża għad-delizzju tiegħu (Antonio Zoli, semi-automatic) u ċintorin skrataċ, u qabad it-triq lejn Pembroke u qagħad jistenna lil Louis Ellul viċin tal-Knisja ta' Pembroke, bit-tama li jarah ħiereġ mill-Knisja wara l-quddies.

Għal ħabta tal-ħdax u nofs ta' fil-għodu, Louis Ellul, Joanne Bajada u t-tfal tagħha ħarġu mill-Knisja ta' Pembroke u rħewlha fid-direzzjoni ta' fejn kienet parkeġġata l-karozza ta' Louis Ellul fi Triq Camillo Sciberras, Pembroke. Sadattant pero mill-istess parti tat-triq inzertat li kienet għaddejja ċerta Nikita Camenżuli, minuri ta' madwar erbatax il-sena flimkien ma' ħabiba tagħha Victoria Preca. Nikita Camenzuli inzertat miexja viċin ta' Louis Ellul.

Hekk kif Martino Gatt lemaħ lil Louis Ellul, in eżekuzzjoni tal-intenzjoni spiċifika li joqtol lil Louis Ellul jew li jqegħdlu ħajtu f'perikolu ċar, ħareġ mill-karozza tal-kiri li kien qed isuq, mexa fid-direzzjoni ta' Louis Ellul, Joanne Bajada,

wliedha, Nikita Camenzuli u ħabibitha Victoria Pace u minkejja dan il-fatt, għalkemm setgħa jara tajjeb li kien hemm preżenti dawn in-nies fuq dak il-post, kif wasal viċin ta' Louis Ellul, Martino Gatt spara fid-direzzjoni ta' Louis Ellul tlett tiri minn dan is-senter tal-kaċċa minn distanza qasira ħafna ta' ftit piedi. Dawn it-tlett tiri ta' senter sparati minn Martino Gatt apparti li laqtu lil Louis Ellul f'diversi partijiet ta' ġismu u kkaġunawlu l-mewt, laqtu lil Nikita Camenzuli li kienet miexja viċin ta' Louis Ellul, billi tir minn dan is-senter spiċċa biex laqat lilha wkoll b'ċomba minnhom tispiċċa fil-koxxa tan-naħa tax-xellug ta' Nikita Camenzuli, li fis wara li ntlaqtet ittieħdet għal kura l-isptar Mater Dei fejn ġie invistata minn Dr. Michael Spiteri u ċertifikata li kienet qed issofri minn ġrieħi ta' natura ħafifa kawżati minn din iċ-ċomba li ħarġet minn skartoċċ sparat mis-senter tal-kaċċa ad opera ta' Martino Gatt.

Illi b'għemilu l-imsemmija MARTINO GATT sar ħati talli, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (Nikita Camenżuli), jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiża titqies li hija ħafifa peress li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi gravi previsti mill-Liġi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Republika ta' Malta, fl-isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, akkuża lill-imsemmi MARTINO GATT ħati talli, nhar il-Ħadd, tnejn (2) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), fi Triq Camillo Sciberras, Pembroke, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (Nikita Camenżuli), jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma ħfief peress li ma ġabu ebda waħda mill-konsegwenzi gravi previsti mill-Liġi;

talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-akkużat MARTINO GATT u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' prigunerija għal żmien mhux iżjed minn tlett xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 221(1), 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena ohra li

tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiċ-ċirkostanzi u fiż-żmien imsemmija fl-ewwel kap ta' dan l-att t'akkuża, u ċioe' il-Ħadd, tnejn (2) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), Martino Gatt kien iddeċieda li jmur isib lil Louis Ellul sabiex joqtlu jew iqiegħdlu ħajtu f'perikolu ċar. Martino Gatt qabad is-senter tal-kaċċa li kien juża għad-delizzju tiegħu (Antonio Zoli, semi-automatic) u ċintorin skrataċ, tefagħhom fil-karozza tal-kiri li kien kera jum qabel u qabad it-triq lejn Pembroke, u wara saq lejn id-direzzjoni tal-Knisja ta' Pembroke fi Triq Camillo Sciberras, bit-tama li jara lil Louis Ellul ħiereġ mill-quddies.

Għal ħabta tal-ħdax u nofs ta' fil-għodu, Louis Ellul, Joanne Bajada u t-tfal tagħha ħarġu mill-Knisja ta' Pembroke u rħewlha fid-direzzjoni ta' fejn kienet parkeġġata l-karozza ta' Louis Ellul. Hekk kif lemaħhom, Martino Gatt, in eżekuzzjoni tal-intenzjoni spiċifika pożittiva u diretta li joqtol lil Louis Ellul jew li jqegħdlu ħajtu f'perikolu ċar, ħareġ mill-karozza tal-kiri liebes beritta u nuċċali tax-xemx, kif ukoll armat bis-senter tal-kaċċa kkargat, mexa fid-direzzjoni ta' Louis Ellul u kif wasal viċin ta' Louis Ellul, Martino Gatt spara lejn Louis Ellul tlett tiri minn dan is-senter tal-kaċċa minn distanza qasira ħafna ta' ftit piedi. Dawn it-tlett tiri ta' senter sparati minn Martino Gatt laqtu lil Louis Ellul f'diversi partijiet ta' ġismu u konsegwenza tagħhom Louis Ellul miet minħabba "hypovolaemic shock".

Illi b'għemilu l-imsemmi MARTINO GATT sar ħati talli, fil-waqt li kien qiegħed jagħmel reat kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon, jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, akkuża lill-imsemmi MARTINO GATT, ħati talli, nhar il-Ħadd, tnejn

(2) ta’ Diċembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), fi Triq Camillo Sciberras, Pembroke, fil-ħin li għamel reat kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon, jew xi imitazzjoni ta’ dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu u talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ priġunerija għal żmien ta’ mhux iżjed minn erba’ snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 55(a), 56, 57, 60 u 61 tal-Att dwar l-Armi [Kap. 480 tal-Liġijiet ta’ Malta], u l-artikoli 17(h), 23 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba` Kap illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi msemmija aktar il-fuq fit-tlett kapi preċedenti ta’ dan l-att ta’ akkuza, u cioe` nhar il-Ħadd, tnejn (2) ta’ Diċembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta’ filgħodu, Martino Gatt, fi Triq Camillo Sciberras, Pembroke, li hija triq pubblika li tinsab f’Pembroke, spara arma tan-nar lejn id-direzzjoni ta’ Louis Ellul, mingħajr ma kien debitament liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija biex jagħmel hekk.

Illi b’għemilu l-imsemmi MARTINO GATT sar ħati talli, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, spara arma tan-nar f’post abitat, jew fi qrib tiegħu, jew fit-toroq pubbliċi, jew fil-portijiet.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f’isem ir-Repubblika ta’ Malta, fl-isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq f’dan il-kap t’akkuża akkuża lill-imsemmi MARTINO GATT, ħati talli, nhar il-Ħadd, tnejn (2) ta’ Diċembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), fi Triq Camillo Sciberras, Pembroke, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, spara arma tan-nar f’post abitat, jew fi qrib tiegħu, jew fit-toroq pubbliċi, jew fil-portijiet; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ priġunerija għal zmien ta’ mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta’ mhux anqas minn għoxrin Liri Maltin (illum ekwivalenti għal sitta u erbgħin Euro u sittin ċenteżmu (€46.60)) skond dak li kien hemm u jintqal fl-artikoli 24(2), 29 u 33(1) ta’ l-

Ordinanza dwar l-Esplożivi [Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta], u l-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat in-nota tal-akkuzat ipprezentata fil-11 t'Awwissu 2009 fejn indika l-lista tax-xhieda ghad-difiza tieghu.

Rat in-nota tal-Avukat Generali pprezentata fit-13 t'Awwissu, 2009 li biha ta l-eccezzjoni ai termini ta' l-artikolu 438(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens illi x-xhieda indikati bin-numri 1, 2, 3, 4, 5, 6 u 7 huma inammissibli u dan ukoll peress li ma gie indikat ebda skop jew raguni jew il-fatti li l-akkuzat bi hsiebu jipprova bil-produzzjoni ta' tali xhieda.

Ikkunsidrat:

Permezz ta' nota tat-tmienja (8) ta' Frar tal-elfejn u hdax (2011) (fol 25), l-Avukat Generali oggezzjona ghal diversi xhieda indikati mill-akkuzat fin-nota tieghu tal-erbgha (4) ta' Frar tal-elfejn u hdax (2011) (fol 23). L-Avukat Generali qieghed joggezzjona ghal-lista kollha illi qieghda f'din l-ahhar nota. Il-Qorti, però, ma jidhrilhiex illi l-Avukat Generali ghandu ragun joggezzjona ghax-xhieda kollha hemm indikati.

Ikkunsidrat:

Rigward l-ewwel zewg xhieda – Mary Debono u Pawlu Vella – dawn se jixhdu fuq fatti illi rrakkontalhom Anthony Gatt li huwa xhud principali tal-Prosekuzzjoni. L-Avukat Generali qieghed jghid illi x-xhieda ta' dawn it-tnejn, Debono u Vella, tigi milquta mill-exclusionary rule peress illi x-xhieda dejjem qieghda fuq kliem haddiehor. Veru illi dana jista' jkun li kieku Anthony Gatt ma ngiebx il-Qorti sabiex jixhed dwar dak illi ntqal. La darba Anthony Gatt se jkun prezenti u se jaghti d-depozizzjoni tieghu, ix-xhieda ta' Mary Debono u Pawlu Vella ma tibqax aktar dik ta' xhieda fuq kliem haddiehor izda tigi kwistjoni ta' kredibilità fuq dak illi qieghed jghid Anthony Gatt. U ghalhekk il-Qorti tqis illi x-xhieda ta' Mary Debono u Pawlu Vella tista' tkun

rilevanti ghal dan il-kaz sabiex wiehed jikkonsidra l-kredibilità tax-xhieda ta' Anthony Gatt.

Rigward Antonia Magro dina qieghda inkluza fil-lista tal-akkuzat peress illi kien ihalli maghha lit-tifel tieghu minorenni Martin, biex tixhed dwar x'qal Anthony Gatt b'riferenza ghall-mod kif l-akkuzat kien imur fuq il-post tax-xoghol tieghu u jitlaq minnu minhabba fl-istess ibnu. Il-Qorti hawnhekk jidhrilha illi x-xhieda ta' Antonia Magro hija ghal kollox irrilevanti peress illi l-mod kif l-akkuzat kien imur fuq il-post tax-xoghol tieghu mhuwiex xi fatt illi ghandu jigi determinat quddiem guri popolari aktar u aktar meta dana m'ghandu xejn x'jaqsam mal-akkadut. Dwar dak li jolqot Anthony Gatt,  se jkun prezenti l-istess Anthony Gatt biex jixhed dwar dawn il-fatti, li jaf hu u dejjem hemm Mary Debono u Pawlu Vella sabiex jikkorraboraw jew imeru dak illi jghid. F'dan il-kaz, allura, ix-xhieda ta' Antonia Magro tigi irrelevanti.

Rigward Martin Gatt li hu iben l-akkuzat, kollox jiddependi mill-età u l-maturità tieghu, u thalli l-produzzjoni ta' dan ix-xhud impregudikat a sabiex tigi determinata waqt il-kors tal-guri.

Rigward ix-xhieda intestati hamsa (5), sitta (6) u sebgha (7), u cioé Stephen Muscat, Salvu Buhagiar u Charles Bottrill, qed jigi mitlub ix-xhieda taghhom biex dawn jaghtu opinjonijiet biex jixhdu kif kien jigi trattat it-tifel Martin Gatt meta inzertawh fl-entrata tal-ufficcju legali jew inkella fil-kaz ta' Charles Bottrill li jixhed dwar incident illi m'ghandu x'jaqsam xejn mal-akkadut illi tieghu Martino Gatt qed jigi mitlub iwiegeb.

Li ghandu jigi debattut fil-guri huwa r-responsabbiltà tal-akkuzat fil-gurnata tal-incident inkwistjoni u mhux l-imgieba tieghu rakkkontata minn impressjonijiet ta' terzi f'episodji illi sehhew qabel.

Ghalhekk din il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi tilqa' t-talba tal-akkuzat illi jixhdu Mary Debono u Pawlu Vella, tichad it-talba ghal Antonia Magro, Stephen Muscat, Salvu Buhagiar u Charles Bottrill, u thalli impregudikat ix-xhieda

ta' iben l-akkuzat Martin Gatt biex jigi determinat dakinhar waqt is-smigh tal-guri.

Peress illi m'hemmx aktar kwistjonijiet x'jigu decizi, il-Qorti tiddiferixxi l-kawza sine die sakemm tistenna t-turn taghha biex tigi appuntata f'guri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------